

Dun Karm Psaila

1871 - 1961

Il-Poeta Nazzjonali

- Dun Karm kiteb ħafna poeżiji sbieħ fuq pajjiżna, ġrajjiet missirijietna u l-eroj nazzjonali, bħal ***Lil Malta***, ***Il-Għanja tar-Rebħa***, ***Lill-Bandiera Maltija*** u ***Għal Dun Mikiel Xerri***.

- Fost l-aktar magħrufa jibqa' l-***Innu Malti***.



Is-Snin 1912 - 1914

- Imħajjar minn Ġużè Muscat Azzopardi u Mons. Pawl Galea, kiteb l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti: ***Quddiem Xbieha tal-Madonna***.


Kuddiem Xbieħa tal Madonna

Hecc cont sabiħa meta rajtec darba
F'holma, fil hena taż-żgħurija tieghi:
Cont rieked ūaħdi f'sodda ċhejcna, mūarrba,
U Int mis-sema inżilt u kaghdt ftit mieghi.

Sbih il jum, ghjeb ix-xemx, flimchien imxierca,
M'ghandhomx leūn helu bhal ūardiet haddejc:
Tisbok cull dija tas-smeūūiet, o imbierca,
Il leħħa irżina minn ta hbub ghajnejc.

Ūarda li tbexxak fiż-żernik ta Mejju
Tixbaħ id-daħca ta xuftejc, Hanina,
Fil hin li mieghec thaddan, tfajjel hlejju,
Il cbir Feddej, li bata u miet ghalina.

Ghajnejħ micsura f'naghsa ħiemda, iserrah
Gesù fuk sidrec ir-ras tieghu żghira,
Minn kalbu ghal kalbec gid is-sema iferrah....
Ma dūarec l'angli b'kima iharsu u b'ghira.

Imbierca l'id ilhi pingietec! Dija
Serket lill cūiecheb, gmiel lil ūard tal gonna,
U bih libbsitec, o b'cull hajr mimlija,
Sultana tas-smeūūiet, helūa Madonna.

Hecc cont sabiħa, jen niftacar seūūa,
Meta fil holma ta żghuriti ilmaħtec:
T'ghajnejc, ta fommoc chienet din il hleūūa:
U jen f'imħabbti bl'isem t'Omm sejjaħtec.

PROF: DUN CARM PSAILA.

11 - I - 12.

- Dun Karm kellu diġà 40 sena.

- F'Mejju 1914 ħareġ ***L-Ewwel Ward jew Ġemgħa tal-Poeżijiet li Ktibt bl-Ilsien Tagħna***, l-ewwel ġabra ta' 15-il poeżija bil-Malti.


PROF. DUN CARM PSAILA

L'EUUEL UARD

JEU

GEMGHA TAL POEZIJIET

LI CTIBT BI LSIEN TAGHNA

In-Nru. 140

MALTA.
Stamperia tal Malta, 16, Str. Zecca, il Beld.
1914.

It-Traduzzjoni

- Fl-1934 qaleb għall-Malti r-rakkont ta' Domenico Caprile, ***Gli Angeli del Perdono*** u semmieh ***Żewġ Anġli: Ineż u Emilja***.

- Biex juri s-sbuħija espressiva u l-qawwa tal-ilsien Malti, qaleb l-opra poetika ***I Sepolcri*** ta' Ugo Foscolo. Din it-traduzzjoni, ***L-Oqbra***, xandarha fl-1936.


UGO FOSCOLO

L-OQBRA

DAHLA QLIB U TIFSIR
TA'
DUN KARM
BI ŻJIEDA TA'
HAJJA FIL-QOSOR TA' L-AWTUR
U DAQSXEJN TA' LEĠENDA

MALTA
Stamperia Tal-Ġvern
1936
Jinbiegħ Xlins

- Ittraduċa wkoll xi poeżiji oħra, l-aktar mit-Taljan u mill-Ingliż.

Produzzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

Riċerka: Joseph Buttigieg. **Disinn:** Paul Gatt, Ingrid Vella. **Ħajr lil:** Joe Borg, Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat, Olvin Vella u Midsea Books Ltd.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

“Aħseb ħafna, għarbel sewwa u ikteb ftit.”

Ittra lil K. Vassallo, 1932



Il-Poeżiji

- Kiteb poeżiji mnebbħa minn ommu, tfulitu, is-solitudni, il-gwerra u l-ambjent uman, naturali u tradizzjonali.

- Kiteb ukoll il-ġmiel ta’ poeżiji reliġjużi bħall-***Innu lill-Madonna*** (*Fil-Ħlewwa ta’ Mejju*), l-***Innu Ewkaristiku*** (*Nadurawk ja Ħobż tas-Sema*), l-***Innu ta’ Filgħodu*** u l-***Innu ta’ Filgħaxija***.

- Fl-1938 kiteb il- poeżija ewlenija tiegħu: ***Il-Jien u Lil Hinn Minnu***. Fiha huwa jistaqsi għadd ta’ mistoqsijiet fuq il-ħajja u jsib it-tweġiba fil-fidi.

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti

Fl-1927 inħatar bħala t-tieni President tal-Għaqda u editur tar-rivista ***Il-Malti***, karigi li żamm sal-1942.

Id-Dizzjunarju

Fl-1936 ħareġ bil-pensjoni u beda jaħdem fuq dizzjunarju mill-Ingliż għall-Malti.

Produzzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

Riċerka: Joseph Buttigieg. **Disinn:** Paul Gatt, Ingrid Vella. **Ħajr lil:** Joe Borg, Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat, Olvin Vella u Midsea Books Ltd.